**15 ta' Diċembru, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Mary Debattista

*versus*

George Debattista.

**Appell lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat — Domiċilju — Benefiċċju tal-Foqra — Art. 2 tal-Order-in-Council tat-22 ta' Novembru 1909.**

*Sentenza li biha l-Qrati Maltin jaffermaw il-ġurisdizzjoni tagħhom biex jieħdu konjizzjoni ta' kawża peress li l-konvenut għandu d-domiċilju tiegħu f'Malta mhix sentenza finali, u ma tolqotx il-meritu tal-kawża, u tħalli miftuħ l-aditu għall-kontinwazzjoni tagħha; u kwindi ma hemmx appell bi dritt minnha quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina.*

*Sentenza simili lanqas ma hija hekk appellabbli fuq il-motiv ta' importanza kbira, ġenerali jew publika, jew xort'oħra, b'mod li jixraq li titressaq quddiem dak il-Kunsill Privat, jekk dik is-sentenza tkun bażata biss fuq apprezzament tal-fatti partikulari tal-każ skond il-provi li l-Qorti kellha quddiemha, u għall-fatti kif sabithom il-Qorti ma applikatx xi prinċipji ġodda, iżda biss prinċipji li dwarhom ma hemm ebda kontestazzjoni. Għax l-interess hu limitat għall-partijiet u għaċ-ċirkustanzi proprji tal-każ individwali.*

*Il-fatt li min jippreżenta petizzjoni biex jiġi mogħti l-permess*

*għal dan l-appell mingħajr ma jkollu jagħmel ebda ħlas, depożitu jew garanzija, ma jkunx intitolat għall-benefiċċju tal-fogra, ma jirrendix nulli l-atti kompjuti.*

Il-Qorti:— Rat il-petizzjoni tal-konvenut, li biha talab il-permess biex jappella lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina mis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1961, u talab ukoll li din il-Qorti tordna li l-proċeduri kollha konnessi mal-appell, kompriża t-traduzzjoni tal-proċess, isiru bla ma hu jkollu jagħmel ebda ħlas, depożitu jew garanzija;

Rat ir-risposta tal-attriċi, li wieġbet illi fil-każ preżenti ma jirrikorrux il-kondizzjonijiet li jistgħu jintitolaw lill-petizzjonant jappella lill-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha; u fi kwalunkwe każ, l-istess petizzjonant ma għandux ikun ammess għall-gratuwitu patroċinju, billi għandu flus l-Awstralja derivanti minn bejgħ ta' bini li jissuperaw l-ammont kontemplat mill-liġi għal dan l-effett;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Bis-sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Ottubru 1961 ġiet konfermata s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha, li biha kien ġie ritenut, b'riġett taleċċezzjoni kuntrarja tal-konvenut, illi l-petizzjonant hu domiċiljat Malta, u kwindi dik il-Qorti għandha ġurisdizzjoni biex tieħu konjizzjoni tal-kawża għas-separazzjoni personali u l-manteniment istitwita kontra tiegħu minn martu;

Issa, it-talba tal-petizzjonant għall-permess biex jappella lill-Kunsill Privat hi bażata, kif jingħad fil-petizzjoni, fuq id-dispożizzjoni tal-art. 2(a) tal-Ordni fil-Kunsill tat-22 ta' Novembru 1909, kif emendat bl-Ordni l-ieħor tal-5 ta' Novembru 1942, billi s-sentenza in kwistjoni tirrigwarda talba magħmula fiċ-ċitazzjoni tal-attriċi li tinvolvi valur ta' iżjed minn £500 u fuq id-dispożizzjoni tal-art. 2(b) tal-istess Ordni, billi s-sentenza in kwistjoni tirrigwarda kwistjonijiet ta' Dritt Internazzjonali Privat, u

hija ta' nteress ġenerali u publiku li jixraq li jinġiebu għad-deċiżjoni tal-Maestà Tagħha fil-Kunsill Privat;

Ikkunsidrat;

In kwantu t-talba tal-petizzjonant hi bażata fuq il-paragrafu (a) tal-artikolu tal-liġi fuq imsemmija, li jikkontempla l-appell bi dritt, din il-Qorti hi ta' fehma illi f'dan il-każ partikulari s-sentenza in kwistjoni ma hix finali kif hu meħtieġ. B'dik is-sentenza ġiet biss affermata l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża, peress li ġie ritenut li l-petizzjonant għandu d-domiċilju tiegħu Malta. Dan kien punt sempliċement preliminari li ma jolqotx il-meritu tal-kawża, u jħalli l-aditu miftuħ għall-kontinwazzjoni tat-trattazzjoni tagħha;

In kwantu, mbagħad, it-talba tal-petizzjonant tinsab bażata fuq il-paragrafu (b), il-Qorti ma hix ta' fehma illi l-kwistjoni nvoluta hi waħda li minħabba l-importanza kbira tagħha, ġenerali jew publika, jew għal xi raġuni oħra, jixraq li tiġi mressqa għad-deċiżjoni tal-Maestà Tagħha fil-Kunsill. Dik is-sentenza ma kienetx bażata ħlief fuq apprezzament tal-fatti partikulari tal-każ, skond il-provi li l-Qorti kellha quddiemha, u għall-fatti kif sabithom il-Qorti ma ġewx applikati b'dik is-sentenza xi prinċipji ġodda, iżda biss prinċipji li dwarhom ma hemm ebda kontroversja. L-interess tagħha hu limitat għall-partijiet u għaċ-ċirkustanzi propriji tal-każ individwali;

Waqt it-trattazzjoni. il-petizzjonant esprima l-biża' illi, jekk hu ma jappellax minn dik is-sentenza issa, jista' jkun preġudikat irrimedjabbilment għar-rigward tagħha; però dan il-biża' ma jidherx fondat; għax jekk aktar tard ikun hemm il-każ ta' appell lill-Kunsill Privat. ma jidherx li dan ma jkunx jista' wkoll jinvolvi l-punt deċiż bis-sentenza in kwistjoni; kif ġara fil-każ "Gerada vs. Dr. Caruana", App. Ċiv., 1 ta' Ġunju 1959;

Ikkunsidrat;

In vista tal-konklużjoni li waslet fiha l-Qorti kif hawn fuq, mhux il-każ li tiġi eżaminata l-kwistjoni l-oħra, jekk

ċjoè il-petizzjonant għandux ikun intitolat għall-benefiċċju li jiproċedi "in forma pauperis" għall-finijiet tal-appell lill-Maestà Tagħha. Biss, in kwantu r-risposta tal-attriċi tista' talvolta timplika eċċezzjoni ta' nullità tal-petizzjoni preżenti, il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenzi riportati fil-Vol. XII, pp. 689 u 698, fis-sens illi n-nuqqas tal-kondizzjonijiet rikjesti mil-liġi għad-dgawdija tal-benefiċċju tal-proċeduri "in forma pauperis" (suppost anki li jkun ġie pruvat) ma hu qatt motiv ta' nullità tal-atti kompjuti;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad it-talba tal-petizzjonant; bl-ispejjeż kontra tiegħu.